MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2007

Numru. 38/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Joseph Tabone ta' 55 sena, bin Joseph u Georgina nee' Vella,**
**imwieled Vittorija, nhar it-18 ta' Frar, 1952, residenti fil-fond numru 15,**
**Church Street, Ghasri, detentur tal-Passaport Malti numru 837339 u**
**ID card numru 16152(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi JOSEPH TABONE li gie akkuzat talli talli nhar id-29 ta' Mejju, 2007,

ghal habta tal-1100hrs gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat (Ghawdex)

a) bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta’ flus ta’ sigurta’ kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, jiddistruggi, ixerred ’l hawn u ’l hemm jew jgharraq b’xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu meta ghamel rapport ta’ serq meta s-serq gie provat li ma kienx minnu u dan ai termini tal-artikolu 295, tal-Kodici Kriminali Kap 9, tal-ligijiet ta’ Malta;

b) u aktar talli fl-istess post, data u cirkostanzi ddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar meta ghamel l-imsemmi rapport u dan ai termini tal-artikolu 110, tal-Kodici Kriminali Kap 9, tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana anke wara illi l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni maghmula mill-imputat f’dana l-istadju bikri tal-proceduri, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat jidher illi iddispjacieh ghall-akkadut u ghandu fedina penali netta.

Il-Qorti, ghaldaqstant qieghda taqta’ u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ta’ l-imputat u wara li rat l-artikoli 295 u 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat Joseph Tabone hati ta’ l-akkuzi kif dedotti u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qieghda

tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija ghal zmien sitt xhur, liema perijodu ta’ prigunerija qieghed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkometti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Il-Qorti qieghda tordna illi l-atti flimkien ma’ kopja ta’ dina s-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------